MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 473/2011

**Il-Pulizija**
**(Maggur J. Micallef Engerer)**
**Vs**
**Paul Edgar Ellul**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 492082(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-1 ta' Gunju, 2011 ghall-habta ta' 16.30 hrs fi Triq il-Kbira, San Giljan,

1. saq vettura numru LCO-957 b'manjiera perikoluza.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Novembru, 2011, li biha wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65, sabet lill-appellant hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u

kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ mitejn Ewro (€200) u sospenzjoni illi jkollu licenzja ghall-tmien (8) t’ijiem.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta’ Novembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Jinghad mal-ewwel illi precizament wara li l-incident, l-appellant ha l-izbriga biex jikteb ezattament x’gara, minuta b’minuta u kelma b’kelma u ma jaqbel xejn ma dak li hemm imnizzel fl-affidavit ta’ PS 502 C. Frendo. L-Ewwel Qorti, biex waslet ghall-konkluzzjoni taghha, ovvjament qaghdet (anke jekk parzjalment) fuq dan l-affidavit li jikkonsisti f’nofs veritajiet, inkonsistenzi u adirittura dettalji skoretti li talvolta jistghu jigu kontradetti oggettivament.

It-triq fejn allegatament gara l-incident kien Triq it-Torri u mhux Triq il-Kbira, kif hemm indikat fic-citazzjoni u li hemm imnizzel fl-affidavit u li fuqu xehed il-Pulizija – bir-rizultat illi mhux biss ic-citazzjoni izda anke s-sentenza appellata hija zbaljata. Anke l-hin indikat f’dan l-affidavit huwa skorrett. Il-hin meta l-appellant ghamel il-manuvra ta’ sorpass kien 16.10 hrs u mhux 16.30 hrs.

Di piu`, anke l-post fejn gie indikat illi sar l-allegat akkadut fl-affidavit huwa skorett. La l-appellant u l-anqas il-Pulizija ma kienu hdejn “Snoopy’s Restaurant”, fil-hin meta sar is-sorpass, u lanqas m’huwa veru illi t-traffic lights dak il-hin keinu hodor. Fl-istess affidavit, id-diskorsata shiha bejn l-appellant u l-Pulizija, illi wasslet sabiex l-appellant jigi mharrek, addirittura thalliet barra kompletament u konvenjentement.

Meta l-Pulizija eventwalment waqqfu l-appellant iktar il-fuq, fi Triq sekondarja, qalulu illi bil-manuvra ta’ sorpass li

ghamel huwa kien qabez "double white line2. L-appellant innega u qalilhom illi mhux talli ma hemmx "double white line" f'dik it-triq, imma lanqas ma hemm "single white line" u l-appellant adirittura offra biex jerga` lura maghhom biex jurihom kif fil-fatt hemmhekk ma hemm ebda "double white lines". Dan id-diskors kollu thalla barra mill-affidavit.

Effettivament, f'dik it-triq ma hemm ebda "double" jew "single continuous white line" u l-linji hemmhekk huma miksurin, fejn allura mhuwiex vjetat is-sorpass. Jidher illi l-fatt illi l-appellant ichallengja jew sfida lill-Pulizija, tahom fastidju u allura qalulu illi kienu ha jiehdulu l-particulars. Id-diskors preciz kien hekk :
***"ara hudulu l-particulars u l-Magistrat nafu x'ghandha nghidulu u lilek tara x'inhu gej ghalik".***

Wara li evidentement indumaw li fil-fatt ma kien hemm ebda linji, la "double" u lanqas "single", il-Pulizija qalulu illi kienu ha jharrkuh xorta wahda, cioe`, talli saq b'manjiera perikoluza, imbaghad ihallu l-Qorti tiddeciedi. Ghal darb'ohra, l-appellant innega maghhom illi kien saq b'manjiera perikoluza ghaliex fil-fatt huwa kien sempliciment qabizhom u kien waqaf quddiem it-traffic lights. Fil-fatt qalilhom hekk :
***"tajba, issa ghax m'hemmx double line ser nbiddlu t-tahrika!"***

Hawnhekk jidher car illi kien hemm ksur serju, mhux ta' vjolazzjoni ta' xi regola tat-traffiku, izda ksur hafna iktar gravi – konsistenti f'abbuz ta' poter ghaliex il-Pulizija agixxew b'mod ingust mal-appellant. Huma waqfuh talli erronjament dehrilhom li kien qabez "double white line" u mbaghad, x'hin indumaw li ma kienx hekk, biddlu l-istorja u tawha sfumatura ohra biex issostnu akkuza kompletament differenti. L-appellant fil-fatt ma ghamel xejn hlief li filwaqt li ma kien gej ebda traffiku mid-direzzjoni opposta, isorpassa zewg karozzi weqfin, waqaf quddiem id-dawl ahmar tat-traffic lights, u saq x'hin dawn bidlu ghall-ahdar. Ma kkommettiex l-icken kontravvenzjoni, u inqas u inqas ma kien hati ta' sewqan perikoluz.

Il-Qrati taghna dejjem sostnew illi “mhux kull vjolazzjoni ta’ regola tat-traffiku tikkostitwixxi l-imputazzjoni ta’ sewqan perikoluz”.  L-akkuza ta’ sewqan perikoluz hija akkuza serja li ghandha tigi ppruvata konkretament.  Zgur mhijiex akkuza illi ghandha tissusisti “by default”, jew li ghandha tkopri kull azzjoni imprudenti jew talvolta inopportuna jew mhux xierqa.  Hekk fil-kaz “Il-Pulizija vs John Ripard” tas-17 ta’ Mejju 1952, il-Qorti sostniet illi *“wiehed irid jara jekk verament bil-mod kif saq l-imputat, giex kreat sewqan perikoluz, vwoldieri periklu ghas-sikurezza tan-nies jew tal-vetturi, jew dizordni fic-cirkolazzjoni tat-traffiku”.*

Fl-ebda parti tal-affidavit ta’ PS 502 Frendo, ma hemm referenza ghal fatt illi l-appellant per ezempju kien qabez “red light” jew li kien ta’ periklu ghan-nies mexjin jew ghas-sewwieqa l-ohra.  Li kieku dan verament kien il-kaz, il-Pulizija kellha kull opportunita` illi ggib prova ta’ dan u ttellaghhom bhala xhieda.  Il-verzjoni tal-Pulizija li kien hemm karozzi gejjin min-naha l-ohra li kellhom jieqfu sabiex ihalluh jghaddi, mhijiex korroborata, mhijiex verosimili u anke kieku, lanqas ma tikkostitwixxi sewqan perikoluz.  L-appellant jikkontendi li din ma hija xejn hlief tentattiv fjakk biex il-Pulizija tipprova tissustanza l-verzjoni taghha.  Lanqas ma hija korroborata mill-Pulizija l-iehor li kien fil-karozza fl-istess hin u li kien prezenti u li kellu kull opportunita`illi jipprezenta l-affidavit tieghu.

Huwa fil-fatt inkoncepibbli illi l-appellant kien ha jirnexxielu jaqbez il-karozzi li kieku verament it-traffiku kien miexi normali, ghaliex id-dinamika ta’ dik it-triq kif inhi, traffikuza ghall-ahhar kif ukoll bil-karozzi pparkjati fuq in-naha tal-lemin, zgur ma tipermettix sorpass f’cirkostanzi deskritti minn PC 502.  Ir-raguni li l-appellant qabez il-vetturi kien unikament ghaliex ma kienx hemm traffiku gej min-naha tal-karregjata opposta minhabba li t-traffic lights kienu daru ghall-ahmar, u lanqas ma kienx hemm traffiku quddiemu hlief ghal dawk iz-zewg vetturi li kienu “at a stand still”.

Fil-kawza “Il-Pulizija vs John Ripard, fejn l-intimat kien akkuzat b’sewqan perikoluz minhabba “overtaking”, il-Qorti qalet illi *“the vioaltion of the rule of the road may be*

*excused by showing surrounding circumstances".* Hawnhekk, mhux talli ma kienx hemm vjolazzjoni ta' xi regola tat-traffiku ghaliex is-sorpass ma kienx vjetat, izda c-cirkostanzi ambjentali u l-fatt illi l-appellant kien accerta ruhu illi ma kienx gej traffiku min-naha opposta, juru car li ma kien hemm ebda riskju jew periklu u tali manuvra ta' sorpass kienet legittima fic-cirkostanzi.

Jidher illi l-Ewwel Qorti tat piz dak li kien hemm inmizzel fl-affidavit u cioe` illi l-appellant qal lill-Pulizija illi kien mghaggel ghax kellu jiftah il-hanut. Dan id-diskors qed jigi michud kategorikament mill-appellant. Huwa gie mistoqsi jekk kienx mghaggel mill-Pulizija purament minhabba illi kien qabizhom u mhux ghaliex kien qed isuq bi speed eccessiv, izda kien nnega maghhom illi kien mghaggel. Tenut kont tal-inezattezzi u l-inkonsistenzi kollha l-ohra imnizzlin fl-affidavit, (anke fuq dettalji bhall-isem tat-triq illi jistghu jigu kontradetti oggettivament), wiehed kwazi jistenna illi jkun hemm ukoll inezatezzi fuq affarijiet iktar importanti li jaffettwaw u jincidu fuq il-mertu u l-appellant isostni illi dan huwa tentattiv iehor biex il-Pulizija jpoggi kliem f'halqu sabiex jisusstanza l-akkuza.

Fl-aghar ipotezi, u minghajr pregudizzju, anke jekk din il-Qorti taqbel illi fil-fatt l-appellant kien mghaggel, xorta wahda, l-akkadut kif deskritt fl-affidavit u iktar u iktar fis-sentenza appellata, ma jikkostitwix sewqan perikoluz ghaliex bil-manuvra tieghu ma gie muri li l-appellant kkawza ebda perikolu jew riskju.

Dato ma non concesso li l-appellant kien mghaggel, l-unika konsegwenza li seta` jiddeskrivi x-xhud PC 502 fl-affidavit tieghu, kien li b'konsegwenza tas-sewqan tal-esponent, il-vetturi li kienu gejjin mid-direzzjoni opposta kellhom inaqsu l-ispeed taghhom "sabiex ihallu l-imsemmija vettura (tal-esponent) tghaddi". Minn hawn huwa car illi s-sewqan tal-esponenti ma kkawza ebda perikolu ghaliex ir-reazzjonijiet tas-sewwieqa l-ohra ma kienux azzjonijiet ta' emergenza, lanqas kellhom bzonn iwaqqfu l-vetturi taghhom, izda biss naqsu l-velocita` li biha kienu ghaddejjin. U cioe` ghalhekk, ma kien jehtieg ebda mizura straordinarja minhabba xi periklu li seta`

talvolta holoq l-esponent. Ma ssemmiet ebda emergenza subitanea kkawzata minn manuvra u lanqas xi deskrizzjoni ta' azzjoni evaziva li talvolta kellha ssir minhabba s-sewqan tal-esponent.

Inoltre, jidher illi lanqas l-Ewwel Qorti ma abbraccat dik il-parti tla-affidavit tal-Pulizija, ghaliex fil-fatt jidher illi accettat il-verzjoni tal-appellant illi ma kienx hemm traffiku gejjn minn-naha l-ohra. Fis-sentenza appellata il-Qorti qalet omissis hekk :
*Peress illi jirrizulta illi l-akkuzat ...... qabez il-karozi li kienu wieqfa quddiemu, fosthom karozza tal-Pulizija, peress illi traffiku mill-karreggjata opposta ma kienx hemm in vista tal-fatt li t-"traffic lights" aktar il-quddiem minnu kienu homor ....."*

Ghaldaqstant wiehed jistqasi f'hiex kienet tikkonsisti s-sewqan perikoluz meta anke l-Ewwel Qorti accetat li l-karreggjata opposta tas-sorpass kienet libera mit-traffiku?

Ghalhekk l-appellant ihoss illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-provi u qatt ma sethget issib htija fl-akkuzat.

Reġgħet semgħet il-provi mill-ġdid.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur

Ikkonsidrat

Skont l-affidavit ta' pc 502 c.Frendo, nhar l ta' Ġunjue 2011 għall-ħabta tal-16.20 hu u l-kollega tiegħu PC 781 kienu qed jagħmlu r-ronda ġewwa Triq il-Kbira San Ġiljan direzzjoni lejn Tas-Slieam eżattament lejn Triq it-Torri.

Kif waslu ħdejn is-Snoopy's Bar and Restaurant kellhom jieqfu għaliex kien hemm it-traffic lights li kienu qed jixegħlu aħmar. Hekk kif dawn saru ħodor huma bdew mexjin bil-mod. F'ħin minnhom innutaw vettura tat-tip Toyota High Lux ta' kulur iswed bin-numru tar-reġistrazzjoni LCO – 957 li kienet ġejja minn warajhom

minn Triq il-Kbira San Ġiljan direzzjoni lejn Triq it-Torri tas-Sliema bi speed eċċessiv tant hu hekk li hekk kif wasal ħdejhom qabeż fuq il-karreġġjata opposta, qabeż lilhom u xi żewġ vetturi oħra, b'konsegwenza li l-vetturi kienu ġejjin mid-direzzjoni opposta kellhom inaqqsu l-ispeed tagħhom sabiex iħallu l-imsemmija vettura tgħaddi. Huma kienu nfurmaw lill-appellant li kienu ser jirrappuratawh talli saq l-imsemmija vettura b'mod perikoluż u ta perikolu għal ħadd ieħor. L-appellant kein qalilhom li kien saq b'dik il-majiera għax kien mgħaġġel sabiex jiftaħ il-ħanut li kellu Tas-Sliema.

Rat ukoll id-dokument ippreżentat mill-appellant meta xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (fol 4). Dan jikkonsisti f'noti li l-appellant żamm. Huwa ddeskriva x'ra dak il-ħin: ix-xarabank tiċċaqlaq iżda l-karozza tal-Pulizija u karozza oħra baqgħu weqfin. Ix-xufier tat-tieni karozza kien qed jirrispondi t-telfon. Ma kienx ġej traffiku min-naħa l-oħra tat-triq u l-karreġġjata kienet vojta. L-appellant kien iddeċieda li jaqbeż il-karozza tal-Pulizija u l-VW Tiguan. Huwa waqaf fil-lights li mbagħad daru għall-aħdar u kiser fuq il-lemin lejn Victoria Terrace. Tliet pulizija waqqfuh u staqsewh 'Jaqgħu mgħaġġel?' Huwa wieġeb 'Lanqas xejn. Sejjer il-ħanut niltaqa' max-shop assistant. Huwa nnega li kien qabeż xi double line. L-appellant kien insista li kienu qegħdin iħarrkuh għal sewqan perikoluż għax kienu ndunaw li me kienx hemm double line.

Huwa qal li l-ġrajja seħħew f'Tower Road u mhux f'Main Street, San Ġiljan. Barra dan il-verżjoni li ta PC 502 fl-avvidavit ma taqbel xejn mal-fatti kif kien niżżilhom hu fin-noti tiegħu. F'dak il-jum kienu qeg]din il-Karmelitani, San Ġiljan waqt li xarabank kienet qed iżżomm it-traffiku kollu. Huwa kien wara l-pulizija. Huwa qabeż il-Barracuda u kien ġie fi Triq it-Torri. Meta x-xarabank saqet, karozza li kienet quddiem dik tal-Pulizija ma saqitx. Dar it-trafficlight għall-aħamar u allura karozzi min-naħa l-oħra ma kinux ġejjin. Huwa ssorpossa l-karozza u l-pulizija u waqaf jsitenna ħdejn it-traffic light biex jiġi quddiemha. Meta kellmu l-pulizija huwa nnega li kien qabeż xi double line. Il-Pulizija wissieh li kien ser iħarrku minħabba s-sewqan perikoluż.

Fil-kontro-eżami hwua qal li barra l-karozza tal-pulizija u l-karozza bix-xufier li kienet qed iċċempel kien hemm xi żewġ jew tliet karozzi wara l-karozza tal-linja. Huwa nnega li kien ġej bi speed eċċessiv. Huwa nnega li l-karozzi resqu mal-ġenb biex jgħaddi hu. Huwa ma kellux għalfejn jgħaġġel biex imur il-ħanut għaliex ix-shopassistant kellha ċ-ċavetta u wara kollox għandhom tletin impjegat. .

Ikkonsidrat

Din il-Qorti ma tiddisturbax deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jekk din setgħet tasal għas-sentenza li tat raġjonevolment u legalment.

Illi fl-aggravju jissemma li kemm it-triq u kemm il-ħin huma indikati ħażin. Skotn iċ-ċitazzjoni t-triq hija indikata bġala Triq il-Kbira, San Ġiljan waqt li l-appelalnt qed isostni li din kienet Triq it-Torri.

Jekk wieħed isegwi l-mappa, malajr jinduna li Triq it-Torri tkompli ma' Triq il-Kbira u viċi versa. Fil-fehma tal-Qorti m'hemmx xi diskrepanza fil-lok indikat bħal meta t-triq fejn tkun saret l-allegat infrazzjoni tkun fl-istess raħal iżda 'l bogħod mil-lok indikat jew meta t-triq tkun f'raħal u ċ-ċitazzjoni indikat raħal ieħor. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din il-parti tal-aggravju.

L-appellant jissottometti wkoll li l-ħin kien 16.10 u mhux 16.30. Bir-rispett kollu jingħad li ċ-ċitazzjoni tindika l-ħin bħala 'għall-ħabta tal-16.30'. Din id-diskrepanza fil-ħin ma tagħmel ebda differenza fl-allegazzjoni ġaladarba l-ħinijiet mogħtija miż-żewġ naħat huma ferm viċin ta' xulxin kif ukoll li l-ħin fiċ-ċitazzjoni huwa kkwalifikat bil-frażi 'għall-ħabta'. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad ukoll din il-parti tal-aggravju.

L-appellant jinsisti li l-Pulizija ħarrkuh għal sewqan perikoluż għax ipperswadihom li ma kienx qabeż single jew double white line.

Fiċ-ċitazzjoni ma hemm ebda imputazzjoni dwar nuqqas ta' osservanza ta' single jew double white lines. Għaldaqstant l-appellant ma kellux għalfejn jirrispondi għal din l-imputazzjoni. U wkoll jekk il-Pulizija kienu ħadu żball dwar l-eżiztenza o meno tas-single jew double white line, dan ma jifssirx li ma setgħux jieħdu passi fuq sewqan perikoluż jekk kein hemm veru sewqan perikoluż.

L-appellant jissottometti wkoll li

'il-verżjoni tal-pulizija li kien hemm karozzi ġejjin min-naħa l-oħra li kellhom jieqfu sabiex iħalluh jgħaddi, mhix korroborata lanqas mill-pulizija l-ieħor li kien fil-karozza fl-istess ħin.'

Dwar dan il-punt, il-Qorti tagħmilha ċara li Liġi ma tirrikjedi ebda korroborazzjoni f'sitwazzjonijiet bħal dawn. Ix-xhieda ta' persuna waħda, jekk titwemmen, hija biżżejjed u dan skont l-artikolu 638 tal-Kap 9. Għalhekk din il-parti ta' dan l-aggravju hija wkoll respinta.

L-appellant jissottometti li beix ikun hemm sewqan perikoluż, bilfors irid ikun ser jintlaqat xi ħadd jew qajjem xi paniku f'min ikun għaddej.

Il-Liġi ma titlob xejn minn dan kollu biex ikun hemm sewqan perikoluż. Biex is-sewqan ikun perikoluż m'hemmx għalfejn jinħolqu emerġenzi. Il-Qorti qed tqis

(i) **kif l-appellant** għamel is-sorpass – billi qabez diversi karozzi – u
**(ii) fejn -**qrib traffic lights fi triq fejn is-sewwieqa wieħed jistenna li joqogħdu aktar attenti – (ii**) il-post** – triq fejn is-serbut ta' karozzi prattikament ma jieqaf qatt u fejn in-nies jaqsmu minn bankina għall-oħra kontinwament.

U jekk jikkonsidra wkoll li l-karozzi l-oħrajn kellhom inaqqsu l-ispeed biex jgħaddi l-appellant, allura wieħed jikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ippruvat l-imputazzjoni 'l hemm minn kull dubju raġjonevoli.'

Kien jew ma kienx mgħaġġel l-appellant biex jiftaħ il-ħanut, f'dik il-parti tat-triq lanqas biss missu ttanta jagħmel is-sorpass ukoll jekk kien hemm min qed jostakola għax ma saqx mill-ewwel.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-aggravju tal-appellant.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija fit-8 ta' Novembru 2011 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------